# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Kost. 111/2018 RGM**

**Digisec Media Limited**
**(C-56612)**

**vs.**

**Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur) u l-Avukat Generali**

## Il-Qorti:

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors tas-soċjetà Digisec Media Limited** ppreżentat fis-7 ta' Novembru, 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' debitament reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji f'Malta, u bħala tali hija wkoll persuna li tgawdi l-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni");

2. Illi l-konvenut Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) ("id-Direttur Ġenerali") ħareġ "deċiżjoni amministrattiva" ("id-Deċiżjoni"), datata 18 ta' Mejju 2018 illi ġiet notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fl-24 ta' Mejju 2018, permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju 2018 ("l-Ittra Uffiċjali"), u dan wara investigazzjoni ai termini tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta) (kopja tal-Ittra Uffiċjali u d-Deċiżjoni huma annessi u ġew immarkati bħala 'DOK A');

3. Illi s-soċjeta' rikorrenti ħassitha aggravata mid-Deċiżjoni u l-Ittra Uffiċjali, u interponiet appell minnhom quddiem it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur ("it-Tribunal tal-Appell") ai termini tal-istess Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

4. Illi, apparti minn aggravji relatati mal-proċedura li ġiet adoperata mid-Direttur Ġenerali, u aggravji fuq il-mertu tad-Deċiżjoni u l-multa imposta fuq is-soċjeta' esponenti, is-soċjeta' esponenti hi aggravata mid-Deċiżjoni u l-Ittra Uffiċċjali peress illi dawn ittieħdu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha kif protetti mill-Konstituzzjoni;

5. Illi l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur ("UAK"), fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, kif ukoll id-Direttur Ġenerali, li jmexxi l-istess UAK, huma awtoritajiet amministrattivi kkreati mill-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510 tal-Liġijiet ta' Malta), u għandhom ir-responsabilità u l-fakoltà, *inter alia*, għall-amministrazzjoni u l-infurzar ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-regolamenti magħmulha taħtu u huma mogħtija poteri investigattivi għal dan il-għan;

6. Illi, apparti r-responsabbilitajiet, fakoltajiet u poteri amministrattivi u investigattivi, il-liġi tagħti lid-Direttur Ġenerali, wara li jikkonkludi l-investigazzjoni, id-dover u l-fakoltà li jiddeċiedi hu stess jekk kienx hemm ksur tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u/jew ir-regolamenti magħmula taħtu. F' każ li jiddeċiedi li kien hemm ksur, id-Direttur Ġenerali għandu joħroġ deċiżjoni kif kontemplat taħt l-artikolu 14A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u għandu wkoll il-fakoltà li jimponi multa li tissejjaħ "multa amministrattiva" (ara artikolu 106A tal-istess Att);

7. Illi skond l-artikoli 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hemm dritt ta' appell quddiem it-Tribunal tal-Appell minn "deċiżjonijiet, ordnijiet jew miżuri tad-Direttur Ġenerali" (artikolu 110B) u minn "multi amministrattivi imposti mid-Direttur Ġenerali"(artikolu 110C);

8. Illi skont l-artikolu 31 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, it-Tribunal tal-Appell huwa kompost minn Imħallef, li jippresedji t-Tribunal, u żewġ membri oħra minn elenku ta' membri ordinarji magħżula mill-President. Rigward id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell hemm imbagħad dritt ta' appell fuq punt ta' liġi jew punti ta' ġustizzja naturali, quddiem il-Qorti tal-Appell (artikolu 110F tal- Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur).

9. Illi l-artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (Avviż Legali 439 tal-2013) in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Ġenerali li jinvestiga każ ta' allegat ksur tal-istess Att, u r-regolamenti magħmulha taħtu, u jimponi multi f'każ li jsibu ksur, u in kwantu jawtorizzaw lit-Tribunal tal-Appell jisimgħu appelli dwar deċiżjonijiet, ordinijiet u miżuri meħudha minn, u multi imposti mid-Direttur Ġenerali, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u dan kif ser jiġi spjegat;

10. Illi, tenut kont illi l-Att dwar l-Afffarijiet tal-Konsumatur hija (a) liġi ta' dritt pubbliku; (b) timponi multi severi; (c) liema multi huma ta' natura penali u ntiżi li jkollhom effett deterrenti u punittiv, każijiet ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u tar-regolamenti magħmulha taħtu, *inter alia*, huma "reati kriminali" skond l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

11. In tema legali, jiġi rilevat li skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Qorti Ewropea"), il-klassifikazzjoni ta' ksur ta' disposizzjoni legali fil-liġi domestika bħala 'amministrattiva' jew 'regolatorja' mhux determinanti (ara *Ozturk v Germany* Series A, No 73 (1984) 6 EHRR 409, para 51-53; *Menarini Diagnostics SRL v Italy* 27 Settembru 2011, para 38-42; *Bendenoun v France* 19 Ġunju 2003, para 45 u 47; *Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden* 23 Lulju 2002, para 76-82). Il-fatturi prinċipali relevanti għall-karatterizzazzjoni tal-liġi partikolari huma dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti u ċioè: in-natura tal-liġi (*Bendenoun v France*, para 47); is-severità tal-piena (*Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden,* para 80), u l-iskop penali u deterrenti tal-multa (*Bendenoun v France*, para 47 u *JB v Switzerland* 3 Mejju 2001, para 48) u dan il-prinċipju ġie aċċettat mill-qrati nostrali (ara *Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)* 3 Mejju 2016, Qorti Kostituzzjonali u *Thake et vs Kummissjoni Elettorali et* 8 Ottubru 2018, Qorti Kostituzzjonali);

12. Illi l-penali u s-sanzjonijiet li jista' jeħel kummerċjant taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur jistgħu jkunu severi – sa sebgħa u erbgħin elf ewro (€47,000). F'dan il-każ, il-multa imposta ġiet iffissata lejn il-massimu li jista' jiġi impost (€30,000);

13. Illi l-Kostituzzjoni teżiġi li akkużi ta' reati kriminali jiġu determinati eskluzivament minn Qrati, u minn ebda entita' oħra. Infatti mentri fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li jirrigwarda reati kriminali, jintużaw il-kliem "**qorti** indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi", fis-sub-artikolu (2) li jirrigwarda drittijiet jew obbligi ċivili jintużaw l-kliem "qorti jew awtorita' oħra ġudikanti". Il-kelma 'qorti' ma tinkludix kull forma ta' tribunal jew post fejn il-ġustizzja tiġi amministrata u għaldaqstant il-kelma 'qorti' tinkludi biss il-qrati kostituzzjonali, kriminali u ċivili, kemm superjuri u inferjuri (ara artikoli 95 u 99 tal-Kostituzzjoni u *Kummissarju ta' l-Artijiet vs Igantius Licari noe* (Appell Kost Numru 9/2001/1; 30 June 2004, kif ukoll *Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)* 3 Mejju 2016, Qorti Kostituzzjonali u *Thake et vs Kummissjoni Elettorali et* 8 Ottubru 2018, Qorti Kostituzzjonali);

14. Illi la d-Direttur Ġenerali u l-anqas it-Tribunal tal-Appell ma huma Qorti skond il-Kostituzzjoni. Għalhekk, ġialadarba ġie stabbilit li l-proċeduri skond l-artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur huma ta' natura kriminali, id-Deċiżjoni ingħatat, u l-Ittra Uffiċjali ħarġet, u l-multa ġiet imposta, bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-kumpannija rikorrenti taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

15. Illi d-dritt tal-appell mogħti mil-liġi ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni għaliex akkużi li huma ta' natura kriminali għandhom jiġu determinati, f'kull istanza, minn Qorti (*Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)* 3 Mejju 2016, Qorti Kostituzzjonali; u *Thake et vs Kummissjoni Elettorali et* 8 Ottubru 2018, Qorti Kostituzzjonali);

16. Illi, għalhekk, l-artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, huma inkompatibbli mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, għaliex id-Direttur Ġenerali, u f'każ ta' appell it-Tribunal tal-Appell, ma hux Qorti;

17. Illi il-proċeduri imsemmija, u d-Deċiżjoni u l-Ittra Uffiċċjali, qed jilledu d-drittijiet fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti kif fuq ingħad;

18. Illi għal kull bwon fini jingħad illi s-soċjeta' esponenti ressqet appell quddiem it-Tribunal tal-Appell mid-Deċiżjoni u mill-Ittra Uffiċjali fejn, *inter alia*, ressqet aggravju msejjes fuq ir-raġunijiet imressqa f'dan ir-rikors, ċjoe allegat ksur tal-Artiklu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Madanakollu, minħabba n-natura kostituzzjonali ta' dan l-ilment speċifiku, l-esponenti jidhrilha illi jkun korrett u opportun illi dan jitressaq permezz tar-rikors odjern quddiem il-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha, mingħajr preġudizzju pero' għall-aggravji l-oħra imsemmija fl-appell quddiem it-Tribunal tal-Appell illi mhumiex tal-istess xeħta Kostituzzjonali;

Ghaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet premessi, titlob bir-rispett illi, prevja kwalunkwe' dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtiha kull rimedju xieraq għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha, fosthom:

(i) tiddikjara illi l-artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta), u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (Avviż Legali 439 tal-2013), in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konumatur) u lit-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur li jisimgħu u jiddeċiedu każ ta' allegat ksur tal-istess Att u/jew tal-istess regolamenti u jagħtu ordnijiet u jimponu multa f'każ li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(ii) konsegwentement tiddikjara l-istess disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta), u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (Avviż Legali 439 tal-2013) nulli u bla effett għall-finijiet kollha tal-liġi, u dana skond l-artikolu 6 tal Kostituzzjoni;

(iii) tiddikjara illi l-proċeduri legali istitwiti kontra s-soċjeta' rikorrenti da parti tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (Avviż Legali 439 tal-2013), id-"deċiżjoni amministrattiva" datata 18 ta' Mejju 2018, illi ġiet notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fl-24 ta' Mejju 2018, u l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju 2018 (liema deċiżjoni u ittra uffiċċjali huma hawn annessi bħala Dok. A) maħruġa mill-istess Direttur fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 14A u 106A tal-istess Att u r-regolament 27 tar- Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur illedew d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(iv) tiddikjara l-proċeduri meħudha mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) u/jew l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur kontra l-esponenti bħala nulli u/jew li m'għandhomx effett għall-finijiet u effetti kollha fil-liġi;

(v) tiddikjara id-"deċiżjoni amministrattiva" datata 18 ta' Mejju 2018 illi ġiet notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fl-24 ta' Mejju 2018, u l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju 2018 maħruġha kontra s-soċjeta' rikorrenti bħala nulli u/jew li m'għandhomx effett għall-finijiet u effetti kolla fil-liġi;

(vi) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrenti;

(vii) tagħti kwalunkwe' rimedju ieħor li jista' jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-**Risposta tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) u l-Avukat Ġenerali** ppreżentata fit-22 ta' Novembru, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-ilmenti kollha tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u dan peress li l-ilmenti tagħhom ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali. L-**artikoli 14A, 106A, 110B** u **110C tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta** u r-**regolament 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.17** li qed jiġu attakati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Jiġi b'hekk li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

2. Illi mbilli skont il-**Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-liġi sussidjarja li toħroġ minnu, id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) huwa mogħni bis-setgħa li jweħħel multi amministrattivi għal min jinstab li kasbar il-liġijiet li jħarsu d-drittijiet tal-konsumatur, dan ma jfissirx b'daqshekk li huwa qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;

3. Illi wara kollox hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-**Kostituzzjoni ta' Malta** jgħoddu għall-proċeduri

kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. *A verbis legis non est recedendum*;

4. Illi lil hinn minn dan, l-esponenti ma jħossux li multa amministrattiva fl-ammont ta' €30,000 hija tant ħarxa li għandha tiġi meqjusa bħala waħda ta' natura kriminali;

5. Illi l-esponenti lanqas ma jaqblu li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad mhux biss għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa għal kollox differenti minn dak tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** imma anke għaliex f'dan il-każ mhuwiex qiegħed jitqanqal li l-liġi Maltija tmur kontra l-**Konvenzjoni Ewropea**;

6. Illi barra minn hekk, anke jekk għall-finijiet tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** wieħed ma jħarisx lejn il-liġi Maltija dwar kif għandu jqis proċeduri amministrattivi iżda jdur għall-ġurisprudenza ħierġa mid-deċiżjonijiet tal-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, allura wieħed irid japplika din il-ġurisprudenza b'mod sħiħ u mhux f'biċċa minnha. Ifisser dan li anke jekk għall-għanijiet tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** l-proċeduri ta' infurzar tal-liġi dwar il-ħarsien tal-jeddijiet tal-konsumatur sejrin jitqiesu bħala proċeduri kriminali (minkejja li l-liġi domestika ma tgħidx hekk), allura wieħed irid iħaddan ukoll it-tagħlim ħiereġ mill-istess ġurisprudenza Ewropea illi ladarba dan huwa każ li joħroġ 'il barra mill-isfera tal-*hard core of criminal law* allura mhuwiex neċessarju li hawnhekk wieħed jimxi riġidament mal-garanziji mogħtija lill-proċessi kriminali, b'dana li ma hemm xejn kontra l-jedd ta' smigħ xieraq li awtorità amministrattiva timponi multi amministrattivi sakemm dik id-deċiżjoni tagħha tkun tista' tiġi mistħarrġa minn qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali;

7. Illi f'dan is-sens il-kumpannija rikorrenti mgħandhiex għalfejn toqgħod tinkwieta fuq il-fatt li l-kontestazzjoni tagħha mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) sejra tinstema' mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u mhux minn Qorti. Kemm hu hekk, safejn l-ilment tal-kumpannija rikorrenti huwa mibni kontra l-kompożizzjoni tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni dan ukoll huwa mingħajr bażi legali. It-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur huwa mmexxi minn Imħallef u allura dan it-Tribunal għandu l-istess garanziji ta' Qorti. Il-fatt li miegħu hemm żewġ membri temporanji ma jxellifx b'daqshekk l-indipendenza jew l-imparzjalità tat-Tribunal. Dan għaliex iż-żewġ membri ordinarji li

jifformaw it-Tribunal huma magħżula mill-Imħallef stess skont l-**artikolu 32(1) tal-Kap 510 tal-Liġijiet ta' Malta** u d-deċiżjoni finali *ex* l-**artikolu 36(2) tal-Kap 510 tal-Liġijiet ta' Malta** trid tkun maqbula mill-Imħallef biex tkun tista' tingħata. Ifisser dan li fl-aħħar mill-aħħar kollox jaqa' fil-kontroll tal-Imħallef;

8. Illi f'kull każ, għalkemm il-kumpannija rikorrenti tenniet fir-rikors kostituzzjonali tagħha li t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mhuwiex tribunal indipendenti u imparzjali, hija mkien ma fissret din ix-xilja tagħha u għalhekk tali allegazzjoni taqa' waħidha. Wara kollox hija l-liġi nfisha, fl-**artikolu 32(8) tal-Kap 510 tal-Liġijiet ta' Malta**, li tgħid li t-Tribunal tal-Appell għandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu u li l-membri tiegħu għandhom jaġixxu fuq il-ġudizzju individwali tagħhom u mgħandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità. Dan minbarra li kull membru tat-Tribunal qabel ma jisma' xi każ għandu jiddikjara li huwa mhuwiex imfixkel b'xi kunflitt ta' interess. Għalhekk fil-fehma tal-esponenti ma hemm xejn ħażin li jmur kontra l-**Kostituzzjoni** fil-mod ta' kif inhuwa magħmul it-Tribunal tal-Appell;

9. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, anke jekk jitqies għall-ġieħ tal-argument biss li t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mhuwiex qorti indipendenti u imparzjali fis-sens li jsemmi l-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni,** xorta waħda dan ma jiġġustifkax l-ilment kostituzzjonali tal-kumpannija rikorrenti. Dan għaliex mid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur dejjem hemm dritt tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk mhuwiex il-każ li l-kumpannija rikorrenti ħa tkun imċaħħda minn aċċess għall-Qorti;

10. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ewwel ħames talbiet tal-kumpannija rikorenti ma jistgħux jitqiesu li huma mistħoqqha u għalhekk jixirqu li jiġu miċħuda;

11. Illi fl-aħħarnett dejjem bla ħsara għal dak kollu li ngħad hawn fuq, mhijiex siewja s-sitt talba tal-kumpannija rikorrenti biex hija tiġi mogħtija danni morali. F'dan il-każ ma jirriżultax li jeżistu l-estremi biex jiġu likwidati u mogħtija danni morali. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li kollox beda minħabba li l-kumpannija rikorrenti ma ħarsitx il-liġi li tħares id-drittjiet tal-konsumatur;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra r-rikors kostituzzjonali imressaq mill-kumpannija rikorrenti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti ppreżentata fl-24 t'April 2019[1] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ppreżentata fis-6 ta' Ġunju 2019[2];

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2019;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi.**

Fit-18 ta' Mejju 2018 il-konvenut Direttur Ġenerali ħareġ deċiżjoni amministrattiva kontra s-soċjetà rikorrenti, li ġiet lilha notifikata permezz ta' ittra uffiċċjali fl-24 ta' Mejju 2018. Din id-deċiżjoni ingħatat wara li l-istess Direttur Ġenerali għamel investigazzjoni ai termini tal-Kapitolu 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Is-soċjetà Digisec Media ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni u kien għalhekk li appellat quddiem it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur[3] (minn issa 'l quddiem it-Tribunal), liema appell ġie appuntat iżda jinsab sospiż jistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

Fil-kawża odjerna s-soċjetà rikorrenti tilmenta li l-Artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Kapitolu 378 u r-Regolament 27 tar-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (L.S. 378.17) huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Is-soċjetà tibbaża l-ilment tagħha fuq is-segwenti:

a. Kapitolu 378 huwa liġi pubblika, li timponi multi severi li għandhom natura penali u ntiżi li jkollhom effett deterrenti u punittiv u għalhekk allegat ksur tal-imsemmi kapitolu u regolament jammontaw għal reat kriminali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;
b. Il-klassifikazzjoni ta' ksur ta' dispożizzjoni legali fil-liġi domestika bħala "amministrattiva" jew "regolatorja" mhux determinanti;
c. Penali severi sa' massimu ta' €47,000, fejn fil-każ ta' Digisec Media Ltd il-multa ffissata hija dik ta' €30,000;

[1] Paġna 133 tal-proċess.
[2] Paġna 150 tal-proċess.
[3] Digisec Media Ltd vs. Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), Rik Nru 1/2018MCH.

d. Il-Kostituzzjoni teżiġi li akkużi ta' reati kriminali jiġu determinati esklussivament minn Qorti indipendenti u imparzjali, fejn il-kelma 'Qorti' ma tinkludix kull forma ta' Tribunal;
e. La d-Direttur Ġenerali u lanqas it-Tribunal m'hu Qorti u għalhekk id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali ingħatat bi ksur tal-Artikolu 39 (1);
f. Id-dritt t'appell mis-sentenza tat-Tribunal ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 39 (1) għaliex ġaladarba akkużi huma ta' natura kriminali dawn għandhom jiġu determinati f'kull istanza minn Qorti.

Hekk delineati l-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti, il-Qorti sejra l-ewwel tagħmel sunt tal-provi prodotti kif ukoll tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u a bażi ta' dan, flimkien ma' ġurisprudenza, tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjoni legali tagħha.

Ikkunsidrat

Waqt l-ewwel seduta u ċioe fl-10 ta' Jannar 2019 is-soċjetà rikorrenti iddikjarat li m'għandhiex provi xi tressaq fuq l-ilment tagħha għajr dawk l-atti li ġew ġa prodotti mar-rikors promotur u ċioe kopja tal-Ittra Uffiċċjali datata 18 ta' Mejju 2018[4], annessa magħha d-deċiżjoni amministrattiva li ġġib l-istess data bħall-Ittra Uffiċċjali[5].

Min-naħa tagħhom l-intimati ppreżentaw affidavit tad-**Direttur Ġenerali Josephine Borg**[6] li permezz tiegħu tispjega li bis-saħħa tal-Kapitolu 378 u r-Regolamenti magħmula taħtu, hija responsabbli li tamministra u tinforza dawn l-atti u jagħtuha s-setgħa li tinvestiga u tistitwixxi proċeduri amministrattivi u li toħroġ deċiżjonijiet, miżuri u/jew ordnijiet fejn jirriżulta ksur u tista' timponi multi amministrattivi.

Kien a bażi ta' dawn is-setgħat lilha mogħtija li fit-12 ta' Mejju 2017, id-Direttur Ġenerali bdiet tinvestiga u istitwiet proċeduri amministrattivi fir-rigward tas-soċjetà rikorrenti, kien għalhekk li nħareġ Avviż ta' Investigazzjoni u tal-Proċeduri Amministrattivi flimkien ma' Avviż tal-Multi Amministrattivi li ġew notifikati lis-soċjetà Digisec Malta. Din tal-aħħar ġiet informata bl-intenzjoni li tibda investigazzjoni fuq is-servizz operat minnha fuq is-sit elettroniku http://www.victoriamilan.com/search/ u indikatilha wkoll il-konsiderazzjonijiet tagħha fid-dettal inkluż referenza għal-liġi. Digisec Media Limited ġiet informata wkoll (a) li hija kellha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha skont l-Artikolu 14A (1) tal-Att fi żmien 20 jum (liema perjodu ġie eventwalment estiż fuq talba tas-soċjetà

[4] Paġna 7 tal-proċess.
[5] Paġna 8 tal-proċess.
[6] Paġna 28 tal-proċess.

rikorrenti stess), (b) bil-parametri tal-ammonti tal-multi amministrattivi skont l-Att, u (ċ) bir-riservi li hija għandha li timplimenta l-poteri amministrattivi skont l-Artikolu 8 (dikjarazzjoni ta' avviż pubbliku), Artikolu 12 (garanzija), Artikolu 94 (ħruġ ta' ordnijiet ta' tħaris), Artikolu 95 (diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali fil-ħruġ ta' ordni ta' tħaris) u l-Artikolu 101 (Direttur Ġenerali jista' jeħtieġ il-pubblikazzjoni tal-ordni ta' tħaris).

Id-Direttur Ġenerali tispjega li sakemm kien għaddej it-terminu sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti talbu li ssir laqgħa u fil-fatt din saret fit-23 ta' Mejju 2017. Ix-xhud spjegat li fil-25 ta' Mejju 2017 rappreżentant tagħha bagħat korrispondenza elettronika tikkonferma dak li kien intqal waqt il-laqgħa u ċioe li kellhom jissottomettu miżuri korrettivi fuq 7 konsiderazzjonijiet li kienu ser jiġu investigati u li kienu ser jippreżentaw sottomissjonijiet fuq żewġ konsiderazzjonijiet oħra. Din ġiet ikkonfermata mil-legali tas-soċjetà rikorrenti permezz ta' korrispondenza elettronika tas-26 ta' Mejju 2017.

Ġara iżda li fis-sottomissjonijiet tad-9 ta' Lulju 2017, is-soċjetà rikorrenti flok imxiet ma' dak li kien minnha ammess u konfermat fl-imsemmi *email*, hija naqset milli tirreferi għall-miżuri korretti u kitbet *"the Company is in the process of updating its website ... Without admitting any liability, the Company therefore undertook to submit revised terms of Service to the Office, as well as to propose changes to its Website..."*[7] Josephine Borg tispjega li b'dan l-atteġġjament, is-soċjetà rikorrenti ħolqot kontradizzjoni u inkonsistenza.

Skond ix-xhud Josephine Borg kien irriżultalha li s-soċjetà attriċi "kienet kisret id-dispożizzjonijiet legali kollha elenkati fl-Avviż tal-Investigazzjonijiet u Proċeduri Amministrattivi", kien għalhekk li hija talbet garanzija mingħand l-istess soċjetà ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 14A (2) tal-Att. Is-soċjetà ġiet informata b'dik il-konklużjoni u kienet ingħatat tletin jum sabiex timplimenta azzjoni rimedjali fir-rigward tal-ksur da parti tagħha tal-liġijiet imsemmija fl-Avviż. Waqt li kien għaddej it-terminu imsemmi, is-soċjeta' attriċi talbet laqgħa sabiex tiddiskuti d-dritt ta' irtirar tal-konsumaturi fuq liema punt is-soċjetà attriċi kienet diġà għamlet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub. Fis-16 ta' Jannar 2018, is-soċjetà rikorrenti għamlet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub li permezz tagħhom informat lid-Direttur Ġenerali li "*This letter should not be construed as an admission of any liability. Our client reserves its right at law*"[8] u ma tat l-ebda garanzija ai termini tal-Artikolu 12 tal-Att. Ix-xhud

[7] Paġna 31 tal-proċess.
[8] Paġna 32 tal-proċess.

tkompli tgħid li "s-soċjetà rikorrenti injorat kompletament li fit-talba għal garanzija jiena kont inssottolinejajt anki s-sub-artikoli (2), (3) u (4) tal-artikolu 12 tal-Att [...][9]." Tispjega illi kieku s-soċjetà rikorrenti aċċettat li tagħti garanzija, hija ma kienet toħroġ l-ebda deċiżjoni u ma kienet timponi l-ebda multa amministrattiva. Ġie osservat mix-xhud li kien biss wara li ingħatat id-deċiżjoni li kien hemm bdil fit-*Terms of Service* u fis-sit elettroniku tagħha.

Ix-xhud tinsisti li hija mxiet b'mod rigoruż skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi kemm waqt il-proċedimenti amministrattivi kif ukoll waqt il-ħruġ tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2018 inħarġet skont l-Artikolu 14A (2) u 106A tal-Att liema deċiżjoni hija waħda raġonata fejn fiha ġiet iffissata multa ta' €30,00 stante l-ksur misjub. Id-Direttur Ġenerali s-sottolineat li l-Artikolu 14A (2) tal-Att tassattivament jimponi fuqha li mas-sejbien ta' ksur tal-Att jew Regolament hija għandha toħroġ deċiżjoni li tkun notifikata lis-soċjetà rikorrenti. Hija tgħid li l-multa amministrattiva kienet waħda moderata peress li kienet sabet ksur fir-rigward tad-9 istanzi.

In segwietu għal din id-deċiżjoni, Josephine Borg spjegat li s-soċjetà rikorrenti intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal fis-6 ta' Ġunju 2018 liema appell qiegħed jistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Tgħid ukoll li fl-ebda stadju tal-proċeduri amministrattiva ma ġie avvanzat xi leżjoni tad-dritt fundamentali. Hija tgħid li meta tat id-deċiżjoni hija kienet qiegħda "tagħmel dmirha sabiex tiġi assigurata l-osservanza tal-liġi li tamministra għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-konsumatur"[10] u dan għamlitu b'mod indipendenti, awtonomu u liberu mid-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità. Huwa dmirha li timplimenta f'Malta bħala l-awtorità kompetenti id-Direttivi Ewropej dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (Regolament KE 2006/2004).

Ix-xhud ikkonkludiet l-affidavit tagħha billi tgħid li l-investigazzjoni u l-proċedura amministrattivi assiguraw li s-soċjetà rikorrenti kellha l-opportunità kollha sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u li segwiet il-liġi u l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u għalhekk is-soċjetà ngħatat:

- Smigħ xieraq;
- Opportunità tiddefendi ruħha;
- Pre-avviż tal-investigazzjonijiet u proċeduri amministrattivi, b'referenza speċifika għall-artikoli tal-liġi, konsiderazzjonijiet dettaljati u pre-avviż dwar il-multa amministrattiva;
- Żmien suffiċjenti sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha kif ukoll li ssir laqgħa.

---

[9] Paġna 33 tal-proċess.
[10] Paġna 36 tal-proċess.

Tikkonkludi li l-investigazzjoni u l-proċedimenti amministrattivi kienu meħtieġa għall-benefiċċju tal-konsumatur.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 il-legali tas-soċjetà rikorrenti iddikjara illi "stante li fil-fehma tar-rikorrent il-vertanza għandha n-natura prettament legali, mhux meħtieġ li jsir kontro-eżami ta' Josephine Borg".[11] Imiss issa għalhekk li jiġu kkunsidrati s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

- ***Nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti***

Is-soċjetà rikorrenti tissottometti illi fil-kawża odjerna ninsabu rinfaċċati b'sitwazzjoni fejn id-Direttur Ġenerali, u ċioe l-istess persuna li investigat l-allegat ksur, ħarġet id-deċiżjoni u l-Ittra Uffiċċjali, u imponiet multa fuq is-soċjetà rikorrenti".[12] Is-soċjetà tissottometti li ġaladarba l-Kapitolu 378 u l-Avviż Legali 439 tal-2013 (L.S. 378.17) huma (i) liġi ta' dritt pubblika, (ii) li jimponu multi severi, (iii) liema multi huma ta' natura penali u ntiżi li jkollhom effett deterrent u punittiv, każijiet ta' allegat ksur tagħhom huma reati kriminali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni teżiġi li akkużi ta' reati kriminali jiġu determinati esklussivament minn Qorti u ebda entita oħra.

L-ewwel argument li tressaq huwa li kieku l-klassifikazzjoni mogħtija mil-liġi hija fattur determinanti sabiex jiġi determinat jekk akkuża hijiex ta' natura kriminali jew le, kif qed jeċċepixxu l-intimati, allura kien ikun faċli għall-awtoritajiet li jevitaw l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali billi sempliċiment jispeċifikaw fil-liġi li l-piena in kwistjoni ma hijiex waħda ta' natura kriminali. Is-soċjeta' rikorrenti tagħmel referenza għall-fatt li l-Qorti Ewropea adottat '*autonomous interpretation*' tal-kunċett ta' '*criminal charge*' li jinsab fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. A contrario ta' dak eċċeppiet mill-intimati, nonostante li l-azzjoni ma tinkludix l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jfissirx li ma jistax jintuża sabiex tiġi interpretata l-Kostituzzjoni Maltija u għaddiet biex tirreferi għal żewġ sentenzi li jgħidu proprju dan u ċioe **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)** u **Thake noe vs. Kummissarrju Elettorali et**.

Is-soċjetà rikorrenti tissottometti li sabiex jiġi determinat jekk proċeduri humiex ta' natura kriminali wieħed irid jikkonsidra s-segwenti kriterji stabbiliti fid-deċiżjoni **Engel v. L-Olanda**, liema kriterji huma alternattivi u mhux kumulattivi:

[11] Paġna 131 tal-proċess.
[12] Paġna 135 tal-proċess.

a. Il-klassifikazzjoni tar-reat taħt il-liġi domestika;
b. In-natura tar-reat; u
c. In-natura u s-severità tal-piena potenzjali.

L-importanza ta' dawn il-kriterji m'humiex ugwali; ir-rikorrenti fil-fatt tgħid li l-ewwel kriterju huwa lanqas importanti u fil-fatt reati klassifikati bħala amministrattivi jew regolatorji taħt liġijiet domestiċi kemm-il darba ġew ikkunsidrati bħala kriminali inkluż mill-Qorti Kostituzzjonali fiż-żewġ sentenzi surreferiti. Ifisser għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tħares mhux biss lejn il-klassifikazzjoni tar-reat fil-liġi iżda wkoll in-natura tar-reat u n-natura u s-severità tal-piena. Is-soċjetà rikorrenti telenka r-raġunijiet għalfejn il-ksur tal-Kapitolu 378 u l-Avviż Legali 439 tal-2013 jammontaw għal reat kriminali:

a. Id-dispożizzjonijiet japplikaw għaċ-ċittadini kollha sabiex jipproteġu l-interess ġenerali;
b. L-għan tal-multa m'huwiex bħala ħlas ta' dannu iżda bħala kastig sabiex jiġi skoraġġit ir-reċidivida;
c. Il-multa hi imposta taħt regola ġenerali, u l-oġġettiv tagħha hu kemm bħala deterrent kif ukoll punittiv;
d. Il-penali potenzjali u attwali huma severi, fejn il-multi jistgħu jammontaw għall-massimu ta' €47,000.

Is-soċjetà rikorrenti temmen li proċeduri li jinbdew taħt il-Kapitolu 378 jew regolamenti magħmula taħtu ma jistgħux jitqiesu bħala proċeduri li jiddeterminaw drittijiet u obbligi ai termini tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni. Il-proċeduri pendenti huma proċeduri ta' *public enforcement* tal-liġi dwar il-konsumatur, li wieħed jista' jqabbilhom ma' investigazzjoni mibdija mill-pulizija li hija intiża sabiex tħares l-interess ġenerali. L-effett ta' dawn il-proċeduri hu deterrent u punittiv.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-intimati li l-piena hija moderata, is-soċjetà rikorrenti tiddefendi l-argument tagħha billi tirreferi għall-Artikolu 11 (1) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-massimu ta' multa huwa €1,164.69 u lanqas ta' €23.29. Dan ifisser li l-multa taħt l-Kapitolu 378 hija ferm akbar minn dik indikata fil-Kodiċi Kriminali għaliex il-multi taħt il-liġi in dizamina jistgħu vvarjaw minn €470 sa €47,000 u €500 sa €47,000 taħt l-Avviż Legali 439 tal-2013.

Fir-rigward tas-sitt eċċezzjoni tal-intimati, li l-infurzar tal-liġi dwar il-konsumatur ma tirrigwardax '*hard core criminal law'*, u li allura huwiex neċessarju li hawnhekk wieħed jimxi riġidament mal-garanziji mogħtija lill-proċessi kriminali; is-soċjetà rikorrenti tirribatti din l-eċċezzjoni billi filwaqt li taghmel referenza għas-sentenzi ***Thake vs Kummissjoni*** u ***Federation of Estate Agents*** tesprimi l-fehma li xejn ma jreġi l-argument

tal-intimati u dan għaliex il-Kostituzzjoni tesiġi li reati kriminali jiġu determinati esklussivament minn Qorti u mhux entita oħra, tant li meta mqabbla mal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni, il-liġi tispeċifika li tista' tkun 'awtorità oħra ġudikanti'. Jirriżulta li mid-definizzjoni ta' Qorti taħt l-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, m'hemm l-ebda referenza għal tribunal u awtorità oħra ġudikanti. In oltre Kapitolu VIII isemmi biss il-Qorti Superjuri u l-Qorti Inferjuri. Is-soċjetà rikorrenti f'dan ir-rigward tikkwota mis-sentenza **Montalto vs. Clews noe et** deċiża mill-Prim Awla (sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Mejju 1987, kif ukoll minn **Kummissjoni tal-Artijiet vs. Igantius Licari noe** (Rik Nru 9/2001/1) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju 2004 fejn it-tnejn jikkonkludu li l-kelma "qorti" għandha tifsira limitata għal Qorti superjuri u inferjuri. Is-soċjetà rikorrenti tissottometti li d-Direttur Ġenerali m'hijiex Qorti u lanqas tribunal jew awtorità ġudikanti iżda hi awtorita' amministrattiva.

B'referenza għad-deċiżjoni **Thake vs. Kummissjoni Elettorali**, is-soċjetà rikorrenti tgħid illi ġaladarba reat kriminali għandu jinstema' minn Qorti mill-bidu tal-proċeduri, fil-każ odjern ġie leż l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni.

Digisec Media Limited tressaq mingħajr preġudizzju l-ħsieb li lanqas id-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ma jissana l-leżjoni u dan għaliex it-Tribunal tal-Appell ma huwiex Qorti. Dan ġie ikkonfermat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)**. Is-soċjetà tisħaq li hija mhux qed tikkontesta l-indipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal bħal m'huma qegħdin jagħtu l-impressjoni l-intimati, iżda biss il-fatt li ġaladarba n-natura tal-penali hija dik kriminali, it-Tribunal mhux Qorti f'dawn l-istanzi. Bla bażi wkoll għalhekk issostni s-soċjeta' rikorrenti l-eċċezzjoni li hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell u dan għaliex reat kriminal għandu jinstema' f'kull stadju minn Qorti. Barra minn hekk il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell taħt il-Kapitolu 378 u l-Avviż Legali 439 tal-2013 hija limitata li tikkunsidra punt ta' liġi u punt dwar il-prinċipju ta' ġustizzja naturali biss.

Finalment, dwar id-danni morali, is-soċjetà rikorrenti tispjega li hija intitolata għal danni morali għaliex qatt ma ammettiet xi responsabbiltà għal ksur tad-drittijiet tal-konsumatur. In oltre ġie ċċarat mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti Ewropea illi persuni ġuridiċi għandhom dritt għall-kumpens morali ladarba jiġi determinat ksur ta' dritt fundamentali u tgħaddi sabiex tikkwota minn **Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Mejju 2003.

- ***Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.***

Wara li għamlu sunt tar-retroxena, l-intimati għaddew sabiex spjegaw diversi punti legali li ressqu bħala eċċezzjonijiet fir-risposta tagħhom. L-ewwel punt huwa li l-proċeduri taħt il-Kapitolu 378 m'humiex ta' sura kriminali. Kien jeħtieġ lis-soċjetà rikorrenti li turi li l-investigazzjoni u l-proċeduri amministrattivi tad-Direttur Ġenerali huma ta' natura kriminali u dan għaliex jekk ma jintweriex dan, l-ilment tas-soċjetà rikorrenti jispiċċa fix-xejn – dak li jħoll u jorbot huwa jekk is-soċjetà rikorrenti tinsabx soġġetta għal akkużi kriminali. Fil-fehma tal-intimati, l-ilment tas-soċjetà rikorrenti ma jmissux ma akkużi jew proċeduri kriminali u għalhekk il-garanziji taħt l-Artikolu 39 (1) ma jgħoddux.

L-intimati lanqas ma jaqblu ma' l-argument tas-soċjeta' rikorrenti li sabiex tinterpreta l-liġi Maltija jeħtieġ li ssir referenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u dan għaliex meta qed tiġi eżaminata liġi domestika, wieħed għandu neċessarjament jinterpretaha skont il-qafas ġuridiku Malti u mhux dak barrani, u l-intimati jgħaddu sabiex jikkwotaw minn **Attilio Vassallo Cesareo et vs. Anthony Cilia Pisani** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2006. L-intimati jissottomettu li l-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandhom jiġu interpretati fid-dawl tas-segwenti:

i. "L-artikoli kostituzzjonali għandhom jinqraw flimkien u għandhom jiġu interpretati fl-isfond tal-artikolu l-oħra tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta;

ii. Il-kliem għandu jingħata s-sens ordinarju u naturali tiegħu skont il-qafas tal-liġi Maltija;

iii. Il-klawżoli maħsuba biex iħarsu d-drittijiet fundamentali għandhom jiġi mogħtija kostruzzjoni liberali, filwaqt li l-eċċezzjonijiet fil-Kostituzzjoni għandhom jiġu interpretati ristrettivament;

iv. Waqt li għandu jkun l-ispirtu tal-Kostituzzjoni li għandu jiggwida l-Qorti, b'dana li hija m'għandhiex tkun influwenzata b'interpretazzjonijiet ristrettivi legalistiċi żżejjed, jibqa' veru wkoll li l-Kostituzzjoni hi att leġislattiv u l-Imħallef jibqa' marbut bid-diċitura tal-artikolu singoli u b'dan li l-Leġislatur ried ifisser biha".[13]

A contrario ta' dak li tgħid is-soċjetà rikorrenti, l-intimati jispjegaw li l-Qorti Ewropea kellha toħroġ b'definizzjoni awtonoma in vista li kull firmatarju għandu definizzjoni differenti għal reat kriminali u kien għalhekk li ġie stabbilit test awtonomu u uniformi għall-pajjiżi kollha fil-każ Engel. L-intimati jissottomettu li d-diversità li hemm fil-Konvenzjoni ma teżistix fil-Kostituzzjoni ta' Malta u dan għaliex hija l-liġi domestika li tapplika għall-pajjiż kollu. Huwa għalhekk li ġudikant għandu joqgħod

[13] Paragrafu 26, paġna 155 tal-proċess.

għall-kuntest u xenarju tal-qagħda legali domestika; "jekk ma jagħmilx hekk il-ġudikant ma jibqax jimxi mar-rieda tal-leġislatur Malti u jiġi saħansitra 'l fuq mill-Parlament Malti".[14] L-intimati jsostnu illi jeħtieġ li ssir distinzjoni netta bejn il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni (Ara **Allied Newspaper Ltd vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru 2003).

Is-soċjetà rikorrenti min-naħa tagħha qiegħda tqis il-proċeduri taħt il-Kapitolu 378 mil-lenti tal-interpretazzjoni awtonoma milħuqa fil-ġurisprudenza barranija milli mil-lenti tal-liġi Maltija. Skond l-intimati, sabiex jiġi determinat jekk il-proċeduri taħt Kapitolu 378 jikkostitwixxix akkużi kriminali fil-parametri tal-Artikolu 39, jeħtieġ li wieħed iħares lejn il-liġi Maltija. Fil-qafas tal-liġi Maltija, il-proċeduri ta' infurzar ta' jeddijiet tal-konsumatur m'humiex meqjusa bħala proċeduri kriminali iżda bħala proċeduri amministrattivi u huwa għalhekk li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 39 (1).

It-tieni punt mressaq mill-intimati huwa li l-proċeduri taħt il-Kapitolu 378 ma jistgħux jitqiesu bħala ta' natura kriminal skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Dan l-argument jitressaq mingħajr preġudizzju għal dak li ingħad taħt l-ewwel punt. L-intimati jgħidu li anke jekk wieħed kellu jaċċetta li akkuża kriminal kellha tiġi interpretata fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, xorta waħda ma jistax jingħad li l-proċeduri taħt il-Kapitolu 378 huma ta' natura kriminali. L-intimati jgħaddu sabiex jispjegaw dan billi jgħidu kif żviluppat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u jagħmlu referenza għas-segwenti sentenzi:

i. **Ozturk v. Il-Ġermanja** (Appl. Nru 8544/79) deċiża fil-21 ta' Frar 1984;

ii. **Engel u oħrajn v. L-Olanda** (Appl. Nru 5400/71) deċiża fit-8 ta' Ġunju 1976.

Huwa f'dan l-aħħar każ li ġew mibnija t-tlett kriterji msemmija mis-soċjetà rikorrenti iżda l-intimati jissottomettu illi dawn il-kriterji ma humiex applikabbli għall-proċeduri inizzjati u mmexxija mid-Direttur Ġenerali intimat.

Rigward l-ewwel kriterju, l-intimati jgħidu li fil-qafas tal-liġi Maltija il-proċeduri ta' infurzar ta' ħwejjeġ ta' konsumatur huma meqjusa bħala proċeduri amministrattivi u mhux proċeduri kriminali. Għat-tieni kriterju, l-intimati huma tal-fehma li sabiex jiġi determinat dan l-element hemm

[14] Paġna 156 tal-proċess.

diversi fatturi li għandhom jiġu meqjusa li jemanu mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fosthom (i) jekk il-liġi għandhiex saħħa li torbot fuq kulħadd jew inkella fuq gruppi speċifiċi biss, (ii) jekk il-proċeduri jsirux minn awtoritajiet pubbliċi b'setgħat legali ta' infurzar, (iii) jekk dak li huwa projbit bil-liġi huwiex marbut b'deterrent jew kastig, (iv) jekk l-għoti ta' penali hijiex marbuta mas-sejbien ta' ħtija u (v) jekk l-att in kwistjoni huwiex meqjus bħala reat kriminali fl-Istat Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. L-intimati fid-dawl ta' dawn il-fatturi jemmnu li l-proċeduri mmexxija mid-Direttur Ġenerali ma jistgħux jitqiesu li huma ta' natura kriminali u dan għaliex il-Kapitolu 378 ma jorbotx lil kulħadd iżda jgħodd biss fil-konfront ta' kummerċjanti. In oltre l-multa amministrattiva m'hijiex maħsuba bħala piena jew kastig iżda bħala miżura sabiex il-kummerċjant iwaqqaf u jirrimedja n-nuqqasijiet tiegħu lejn il-konsumatur u dan sabiex il-konsumatur jingħata rimedju effettiv f'każ li huma jġarrbu xi ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet tagħhom imħarsa bil-liġi. Finalment taħt dan il-kriterju, l-intimati jgħidu li minn tal-anqas 15-il Stat Membru ma jqisux il-proċeduri dwar il-ħarsien tal-affarijiet tal-konsumatur bħala proċedura ta' sura kriminali iżda jqisuhom bħala proċeduri amministrattivi tant li l-awtoritajiet għandhom is-setgħa legali li jagħtu multi amministrattivi.

It-tielet kriterju fejn fih irid jitqies il-massimu tal-piena. L-intimati jemmnu li l-piena massima ta' €47,000 u fejn is-soċjetà rikorrenti weħlet €30,000 m'hijiex piena ħarxa jew eċċessiva. Id-differenza bejn il-kawża in eżami u l-kawża *Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et* hija li fid-deċiżjoni tal-aħħar, il-kummerċjant setgħa jeħel multa massima ta' €1,250,000. L-intimati jgħidu li l-każ odjerna jixbaħ aktar il-każ **Hector Carter vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Novembru 2018 fejn il-multa amministrattiva ta' massimu ta' €23,290 ma tqisitx bħala waħda eċċessiva u għalhekk m'hijiex ta' natura kriminali. Il-konvenut jgħid li għaldaqstant l-ebda waħda minn dawn il-kriterji ma ġiet sodisfatta.

Punt ieħor sollevat mill-intimati huwa li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma hemm xejn kontra l-jedd ta' smigħ xieraq li multi amministrattivi jiġu imposti minn awtorità. Jekk il-proċeduri taħt Kapitolu 378 huma ta' natura kriminali, xorta m'hemmx ksur ta' smigħ xieraq jgħidu l-intimati. Il-Qorti Ewropea tagħmel distinzjoni bejn *hard core of criminal law* u *cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*. Dawn tal-aħħar jinkludi fost oħrajn multi marbuta ma' sewqan perikoluż (**Ozturk**), proċeduri dixxiplinarji fil-ħabs (**Campbell u Fell v. Renju Unit**), multi taħt il-liġi tad-dwana (**Salabiaku v. Franza**), pieni imposti taħt il-liġi finanzjarja (**Guisset v. Franza**) u multi taħt il-liġi fiskali (**Bendenoun v. Franza** u **Janosevic vs. L-Isvizja**) Fis-sitwazzjonijiet bħal dawn l-intimati jgħidu li l-garanzija mogħtija fi

proċeduri kriminali ma japplikawx b'mod riġidu. Għalhekk m'huwiex qiegħed jiġi leż id-dritt ta' smigħ xieraq illi fl-ewwel istanza l-multi amministrattivi jiġu imposti minn awtorità amministrattiva li m'hijiex ġudizzjarja. Pjuttost, jgħidu l-intimati, li skont it-tagħlim tal-Qorti Ewropea ma hemm xejn inkonsistenti mal-prinċipju tal-jedd ta' smigħ xieraq li pieni amministrattivi jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet, sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa u sindikata minn awtorità ġudizzjarja. B'applikazzjoni ta' dan għall-każ odjern, l-intimati jsostnu li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali konvenuta tista' tiġi kontestata u mistħarrġa quddiem żewġ *fora* ġudizzjarji differenti – quddiem it-Tribunal u wara quddiem il-Qorti tal-Appell.

L-intimati josservaw li "il-kumpannija rikorrenti trid tapplika l-prinċipju stabbiliti fi Strasburgu għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, allura hija trid tapplikahom bi sħiħ u mhux tagħżel minnhom dawk il-partijiet biss li jaqblilha. F'din il-qagħda, l-kumpannija rikorrenti għandha żewġ għażliet, jew li tħaddem il-ġurisprudenza Ewropea fit-totalità tagħha jew inkella li ma tapplikaha f'xejn"[15]. Dan qiegħed jingħad mill-intimati fid-dawl tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li d-distinzjoni bejn *hard core criminal law* u dik lanqas riġida m'humiex applikabbli għal Kostituzzjoni ta' Malta. L-intimati jikkonkludu din is-sezzjoni billi jgħidu li jekk għall-għan tal-Artikolu 39 (1), il-proċeduri dwar l-affarijiet tal-konsumatur sejrin jitqiesu bħala proċeduri kriminali, allura wieħed irid iħaddan ukoll it-tagħlim imnissel mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li dan huwa każ li joħroġ 'l barra mill-isfera tal-*hard core of criminal law* u għalhekk m'huwiex neċessarju li wieħed jimxi riġidament mal-garanzija mogħtija fil-proċessi kriminali.

Punt ieħor trattat mill-intimati huwa l-indipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal. L-intimati bdew is-sottomissjoni tagħhom f'dan ir-rigward billi jiċċitaw u jagħmlu analoġija mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Ltd vs. Victor Micallef et** deċiża fil-25 ta' Jannar 2013 liema sentenza tikkonċerna l-indipendenza tal-arbitru fi proċeduri ta' arbitraġġ mandatorji. L-intimati jinsistu li l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 510 jipprovdi biżżejjed garanziji ta' indipendenza u dan għaliex:

i. Il-President tat-Tribunal huwa Imħallef liema mħallef huwa maħtur mill-President ta' Matla fuq il-parir u rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru u tal-Prim'Imħallef;
ii. Il-ħatra u t-tneħħija tal-Imħallef hija garantita bil-Kostituzzjoni u m'hijiex marbuta mat-terminu fiss ta' tlett snin;

[15] Paragrafu 69, paġna 163 tal-proċess.

iii. Iż-żewġ membri ordinarji li jifformaw parti mit-tribunal huma magħżula mill-Imħallef minn elenku ta' sitt membri u dan huwa liberu li jagħżel liema membru jrid mingħajr indħil;

iv. Il-membri ordinarji jistgħu jitneħħew biss mill-kariga tagħhom meta jkun hemm inkapaċita fiżika / mentali jew imġieba ħażina;

v. Kull membru ordinarju tat-Tribunal għandu qabel jibda jiġi trattat każ jiddikjara jekk għandux konflitt ta' interess;

vi. B'mod ġenerali t-Tribunal għandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu u l-membri tiegħu għandhom jaġixxu fuq il-ġudizzju individwali tagħhom u m'huma soġġetti għal ebda direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità;

vii. Kull membru ordinarju tat-Tribunal għandhu tul jew wara l-kariga tiegħu jaġixxi b'integrita u ma jkollhomx x'jaqsmu ma' xi attivita' li tagħmel ħsara lill-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, altrimenti jista' jinstab ħati ta' reat kontra l-att u jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn €2,000 u l-qorti tista' flimkien mal-multa, tagħti piena ta' interdizzjoni;

viii. Il-membri ordinarji huma mħallsa mill-fond konsolidat;

ix. Id-deċiżjoni finali tat-Tribunal dejjem irid ikollha l-kunsens u l-approvazzjoni tal-Imħallef;

x. Fl-aħħarnett, it-Tribunal għandu jiddeċiedi kull kwistjoni b'ġustizzja u imparzjalità, il-membri ordinarji jieħdu ġurament quddiem il-President tat-Tribunal li ser jaqdu dmirijiethom b'ġustizzja u imparzjalità u kull membru jista' jiġi rikużat fl-istess ċirkostanzi bħalma Imħallef tal-qorti superjuri għandu jastjeni jew jiġi rikużat.

L-intimati jirreferu wkoll għal fatt li mid-deċiżjoni tat-Tribunal hemm dritt t'appell quddiem il-Qorti tal-Appell u għalhekk is-soċjetà rikorrenti mhux qiegħda tiġi mċaħħda minn aċċess għall-Qorti. Jargumentaw li jekk fil-qadi ta' dmirijietu t-Tribunal jonqos mill-obbligi tiegħu li jkun indipendenti u imparzjali mal-partijiet, is-soċjetà rikorrenti għandha l-jedd li tappella peress li huwa punt ta' liġi. Huwa minnu li l-Qorti tal-Appell hija marbuta li tisma' appelli fuq punt ta' liġi biss, iżda jekk jirriżulta li s-sentenza tat-Tribunal tkun sejra toħloq inġustizzja jew mogħtija b'intent malizzjuż, il-Qorti tal-Appell sejra tintervjeni biex tneħħi dik l-inġustizzja. Dan l-argument l-intimati jsejsuh fuq is-sentenza **Bryan v. Ir-Renju Unit** (Appl. Nru 19178/91).

L-aħħar punt tal-intimati huwa dwar jekk is-soċjetà rikorrenti għandhiex tieħu kumpens morali. L-intimati jemmnu li dan mhux il-każ u jsaħħu l-argument tagħhom fuq il-fatt li sejba ta' vjolazzjoni weħidha hija rimedju ewlieni u jikkwotaw minn **Major Peter Manduca vs. L-Onorevoli Prim**

**Ministru** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta’ Jannar 1995. B’mod ġenerali f’każijiet fejn instabet vjolazzjoni marbuta mal-kunċett ta’ indipendenza u imparzjalità tal-awtorità ġudizzjarja, il-Qorti Ewropeja dejjem qieset li dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni tikkostitwixxi *‘just satisfaction’* (per eżempju **Joseph Micallef v. Malta** (Appl. Nru 17056/06)). L-intimati jissottomettu li kumpens morali jingħata meta t-tiġrib kostituzzjonali jwassal għal niket kbir, uġigħ jew tbatija u għalhekk il-fatt waħdu li jinsab leżjoni tad-dritt fundamentali ma jrendix awtomatiku l-għotja ta’ kumpens morali iżda għaliex jiġi muri li danni morali verament ġew imġarrba. L-intimati jikkonkludi li s-soċjetà rikorrenti naqset milli turi dan.

B’referenza għas-sentenza **Hector Carter vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud et**, is-soċjetà rikorrenti tissottometti li din is-sentenza tirreferi għal eko-kontribuzzjoni li m’hijiex applikabbli għaċ-ċittadini kollha in ġenerali iżda hija liġi speċifika fl-import tagħha. Waħda mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fis-sentenza tagħha kienet li l-multa għandha karattru ta’ deterrent aktar milli intenzjonat bħala kastig. Is-soċjetà rikorrenti tispjega li fil-każ tagħha l-multa m’hijiex sempliċiment deterrent iżda wkoll kastig. Il-liġi tal-eko-kontribuzzjoni tipprovdi li jekk l-irregolaritajiet jiġu regolazzati, il-multa titnaqqas b’mod konsiderevoli tant li tista’ tispiċċa fix-xejn.

L-intimati jirribattu billi jispjegaw li bħal-liġi tal-eko-kontribuzzjoni, il-liġi tal-konsumatur hija liġi speċjali li tapplika għall-kummerċjanti. L-iskop tal-multa huwa ta’ deterrent u dan għaliex id-Direttur Ġenerali tista’ tnaqqas, mhux li ġġib fix-xejn, il-multa jekk il-kummerċjant jersaq sabiex jirranġa l-irregolarità. In oltre s-soċjetà rikorrenti ingħatat diversi opportunitajiet sabiex timmitiga u tranġa s-sitwazzjoni tagħha. Il-legali għad-Direttur Ġenerali konvenut tagħlaq billi tgħid li l-multa mogħtija m’hijiex il-massimu.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Att XVI tal-2019**.

Qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, ikun għaqli li f’dan l-istadju jiġi rilevat illi fil-31 ta' Mejju 2019 ġie promulgat l-Att XVI tal-2019. Permezz ta’ dan l-Att, Artikoli 14A u 106A tal-Kapitolu 378 u Regolament 27 tal-Avviż Legali 439 tas-sena 2013 ġew sostitwiti u fejn

referenza qed issir biss għal Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ). Min-naħa l-oħra l-Artikolu 110B u 110Ċ ġew imħassra kompletament.

In tema legali ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe vs. Richard dei Conti Stagno Navarra** (Ċit Nru 584/1992/1) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar 2010 kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-kawża **AC vs. Dr. Beppe Fenech Adami pro et noe** (Ċit Nru 379/2006) mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2013, fejn fiż-żewġ sentenzi ġie dikjarat li jekk liġi ma tkunx tikkontjeni provvediment tranżitorju dik il-liġi ma jkollix effett retroattiv.

Fil-kawza "**Edgar Baldacchino et –vs- Onor. Dr. Tommoso Caruana Demajo nomine et**", deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fis-26 ta' Frar 1954 (Vol. XXXVIII P I p 61) jinghad hekk:

"meta f' ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun materja ta' interess jew ordni pubbliku"

Għaldaqsant il-Qorti sejra ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq il-liġi li kienet viġenti fi żmien relevanti u dan stante li din il-Qorti trid tikkunsidra jekk il-penali maħruġa mid-Direttur konvenut taħt l-imsemmija artikoli kisrux id-dritt tas-smigħ xieraq fiż-żmien rilevanti. Ġaladarba l-emendi għal Kapitolu 378 bl-Att XVI tal-2019 m'għandhomx effett retroattiv, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina l-ilment kostitizzjonali fir-rigward tal-liġi qabel ġiet hekk emendata..

Ikkunsidrat

Hekk ikkunsidrati l-provi, sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-punt preliminari li din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tissolleva qabel tipprosegwi bil-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu tal-kawża, jeħtieġ li din il-Qorti tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ġurisprudenza lokali u dik tal-Qorti Ewropea rigwardanti l-multi amministrattivi.

- ***Tifsira awtonoma tal-kliem 'reat kriminali' u 'qorti'***

L-ewwel konsiderazzjoni tirrigwarda jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fir-rigward tat-tifsira awtonoma ta' 'reat kriminali' hijiex applikabbli għal każ odjerna in vista li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tilmenta li hija sofriet biss leżjoni taħt l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u mhux ukoll tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

Dan il-punt diġà ġie kkunsidrat mill-qrati lokali fosthom fil-kawża kwotata mis-soċjetà rikorrenti, **Federation of Estate Agents vs. DG (Kompetizzjoni) et** (Rik Nru 87/2013JPG) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza mogħtija fil-21 t'April 2015 ikkonkludiet li:-

> "Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li l-argument tal-intimati – li ma jistgħux jiġu applikati kriterja għat-tfittxija tan-natura inerenti t'offiża skond ġurisprudenza Ewropea meta *si tratta* tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm-il darba ma tiġix applikata fis-sħiħ il-ġurispridenza tal-Qorti Ewropea għall-materja kollha – ma treġix. Dan qiegħed jingħad għaliex il-kriterji stabbiliti għal kxif ta' natura intrinsika tal-offiża hija waħda [*sic*] oġġettiva u kważi xjentifika fil-preċiżjoni tagħha. Dana ma jfissirx li din il-qorti ma setgħatx tesplora kriterji oħra ugwalment validi għat-tfittxija tan-natura intrinsika tal-offiża."

Tal-istess fehma kienet il-**Qorti Kostituzzjonali** fil-kawża fl-istess ismijiet fejn fid-deċiżjoni tagħha moqrija fit-3 ta' Mejju 2016 osservat li:

> "19. [...] għalkemm huwa minnu wkoll illi r-regoli tal-interpretazzjoni li jgħoddu għal strument internazzjonali bħal ma hija l-Konvenzjoni ma humiex dejjem u bilfors l-istess bħal dawk li għandhom igħoddu għal-liġi domestika, madankollu l-argument tal-Appellanti huwa ħażin, għax il-kunċett ta' "tifsira awtonoma" huwa prinċipju li jgħodd fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni daqskemm igħodd fil-kuntest tal-Konvenzjoni. U r-raġuni hija ovvja: għax, li kieku ma kienx hekk, il-leġislatur kien ikun jista' faċilment jegħleb il-garanziji li jagħti l-art. 39 tal-Kostituzzjoni billi, b'liġi ordinarja, ineħħi l-kelma "kriminali" mill-Kodiċi Kriminali u jsejjaħlu "Kodiċi ta' Reati Amministrattivi" waqt li jħalli l-kontenut sostantiv l-istess u, kif iridu l-Appellanti, il-qorti jkollha "timxi mar-rieda tal-leġislatur". Il-kunċett tat-"tifsira awtonoma" iżda huwa wieħed aċċettat u applikat fil-ġurisprudenza fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni. B'hekk il-qorti ma tkunx qiegħda tqiegħed lilha nfisha 'l fuq mill-parlament, kif igħidu l-Appellanti, iżda tkun qiegħda ma tħallix illi l-parlament iqiegħed lilu nnifsu 'l fuq mill-Kostituzzjoni, ħaġa li, wara kollox, tagħmilha kull meta ssib illi liġi ma għandhiex tingħata effett għax inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.

Tal-istess ħsieb huma l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** **(r-raba' edizzjoni**

**(2018)**): "*if the classification of an offence in the law of the contracting parties were regarded as decisive, a state would be free to avoid the Convention obligation to ensure a fair trial in its discretion. It would also result, in this context, in an unacceptably uneven application of the Convention from one state to another"*[16]

L-intimati min-naħa tagħhom jisilfu mis-sentenza **Attilio Vassallo Cesareo et vs. Anthony Cilia Pisani** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2006 "Qabel xejn ghandu jigi rilevat li r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigu regolati bil-provvedimenti legislattivi nostrani u kull provvediment esteru aljen ghas-sistema lokali ma ghandu jkollu ebda effett fid-dibattitu li ghandu jsir biex tigi determinata l-vertenza." Li naqsu jsemmu l-intimati meta s-sellfu minn din is-sentenza hija li l-mertu tal-kawża u n-natura hija għal kollox differenti u distinta. Filwaqt li hawn si tratta proċeduri kostituzzjonali, l-intimati siltu minn proċedura ċivili fejn il-konvenut f'dik il-kawża kien qiegħed jagħmel referenza għal-liġi Taljana.

F'dan ir-rigward il-Qorti ma tarax li hemm raġuni valida sabiex tiddipartixxi minn dak ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Federation of Estate Agents vs. DG (Kompetizzjoni) et** (Rik Nru 87/2013JPG) u għalhekk tgħaddi sabiex tagħmel tagħha dawk il-konsiderazzjonijiet u tqis għalhekk li l-kliem 'reat kriminali' għandhom ikollhom tifsira awtonoma. Konsiderazzjoni opposta tkun qiegħda tiftaħ bieb għal abbużi, fis-sens illi l-leġislatur ikun qiegħed jingħata l-fakultà li jemenda kwalunkwe liġi b'mod u manjiera li l-garanziji provduti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jigu imminati.

Taħt din is-sezzjoni għandha tiġi kunsidrata wkoll is-sottomissjoni tal-intimati li jekk ser tiġi applikata t-tifsira awtonoma għal kliem "reat kriminali" allura, għandha tapplika wkoll l-interpretazzjoni awtonoma mogħtija lil kelma "qorti". Fuq dan il-punt il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Federation of Estate Agents vs. DG (Kompetizzjoni) et** suċċitat ukoll għamlet l-osservazzjonijiet tagħha u qalet li

> "20. Meta mbagħad l-ewwel qorti, meta ġiet biex tinterpreta l-kelma "qorti", qagħdet "rigorożament ma' dak li hemm imniżżel fil-liġi" flok fittxet "tifsira awtonoma" tal-kelma, dan huwa perfettament ġustifikat bil-fatt illi fl-art. 39(1) il-Kostituzzjoni tgħid illi dwar akkużi kriminali għandu jkun hemm smigħ quddiem "qorti indipendenti u imparzjali" waqt illi, dwar deċiżjonijiet li jolqtu drittijiet ċivili, taħt l-art. 39(2) huwa biżżejjed li l-każ jinstema' minn

[16] Paġna 377 tal-imsemmi ktieb.

> “qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b’liġi”. Huwa ovvju mill-kliem tal-art. 39(1) u (2) illi l-Kostituzzjoni ma tifhimx illi l-kelma “qorti” tinkludi wkoll “awtorità oħra ġudikanti”. Interpretazzjoni oħra tirrendi superfluwi l-kelmiet “jew awtorità oħra ġudikanti” fl-art. 39(2) u għalhekk ma tkunx interpretazzjoni korretta. Il-kelma “qorti” għalhekk ma tistax ma tfissirx ħlief qorti fis-sens klassiku tal-kelma."

Hawn ukoll din il-Qorti sejra tagħmel tagħha dak li ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali u ċioe li l-kelma ‘qorti’ għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. L-Artikolu 39 jagħmel distinzjoni netta bejn ‘qorti’ taħt l-ewwel sub-artikolu u ‘qorti jew awtorità oħra ġudikanti’ taħt it-tieni sub-artikolu. Li kieku l-leġislatur ma riedx li jkun hemm din id-distinzjoni kien jirreferi biss għal ‘qorti’ fiż-żewġ sub-inċiżi.

- ***Definizzjoni ta’ ‘reat kriminali’***

Ġudizzju ewlieni f’dan ir-rigward hija s-sentenza imsemmija miż-żewġ partijiet u ċioe **Engel u oħrajn v. l-Olanda** (Appl. Nru 5100/71) fejn fiha ġie stabbilit li meta l-Qorti tkun ser tiddeċiedi jekk reat huwiex wieħed kriminali ai termini tal-Artikolu 6, fil-każ tagħna l-Artikolu 39, hija għanda tapplika s-segwenti tliet kriterji:

a. **Il-klassifikazzjoni tar-reat fl-istat nazzjonali;**

b. **In-natura tar-reat; u**

c. **Il-piena li tista’ tingħata.**

Il-Qorti Ewropea fil-kawża **Orlen Lietuva Ltd v. il-Litwanja** (Appl. Nru 45849/13) deċiża fid-29 ta’ Jannar 2019 spjegat li

> "The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence, and the third is the nature and degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative, and not necessarily cumulative. This, however, does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, in particular, *Jussila v. Finland* [GC], no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-XIV; *Ezeh and Connors v. the United Kingdom* [GC], nos. 39665/98 and 40086/98, § 82, ECHR 2003-X; and *Blokhin v. Russia* [GC], no. 47152/06, § 179, ECHR 2016)."

## a. Il-klassifikazzjoni tar-reat fl-istat nazzjonali

M'hemmx dubju li jekk il-liġi tikklassifika r-reat bħala wieħed kriminali, l-Artikolu 39 (1) huwa awtomatikament applikabbli. Jista' jagħti l-każ iżda fejn ir-reat m'huwiex hekk klassifikat. Fil-każ odjern l-Artikolu 14A tal-Kapitolu 378[17] kien jiddeskrivi l-proċeduri bħala ta' natura amministrattiva, u fejn il-multi imposti kienu klassifikati bħala multi amministrattivi (Artikolu 106A tal-Kapitolu 378[18]). Ġaladarba l-klassifikazzjoni m'hijiex waħda kriminali *sic et simpliciter*, imiss lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra r-rimanenti żewġ kriterji li ser jiġu ttrattati flimkien.

## b. In-natura tar-reat u l-piena li tista' tingħata

L-awtur **William A. Schabas** fil-ktieb ***The European Convention on Human Rights: A Commentary*** (l-Ewwel edizzjoni (2017)) jispjega t-tieni u t-tielet kriterji bil-mod segwenti:-

> "several factors are considered in evaluating whether to describe the nature of the offence – the second of the *Engel* criteria – as criminal: the legal rule should be of a generally binding character and not directed against a specific group; the proceedings should be instituted by a public body with statutory powers of enforcement; the prohibition should be commensurate with a deterrent and punitive purpose; imposition of penalty should be dependent upon a finding

---

[17] **14A**. (1) Mal-bidu ta' l-investigazzjonijiet skond l-artikolu 12A li jikkonċerna allegat ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu, id-Direttur għandu/ha jikteb/tikteb lill-persuna investigata u jinfurmaha/tinfurmaha bin-natura ta' l-allegat ksur u jagħti lill-persuna kkonċernata perjodu ta' mhux inqas minn ħmistax-il ġurnata bħal mad-Direttur jista' jiddeċiedi li huwa approprjat fiċ-ċirkustanzi. Waqt l-imsemmi perjodu, l-persuna kkonċernata tista' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lid-Direttur:

Iżda d-Direttur jista':

(a) jeħtieġ li l-persuna involuta ġġib prova ta' l-eżattezza tal-pretensjonijiet fattwali fir-rigward ta' xi prattika kummerċjali jekk, meta jitqies l-interess leġittimu tal-persuna involuta u ta' kull parti oħra fil-proċeduri, dik il-ħtieġa tkun tidher ġustifikata fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari; u

(b) jikkunsidra l-pretensjonijiet fattwali bħala mhux eżatti jekk ma tinġiebx il-prova meħtieġa skond il-paragrafu (a) ta' dan il-proviso jew din titqies bħala waħda insuffiċjenti mid-Direttur.

(2) Fejn, mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, wara li jiġu kkunsidrati s-sottomissjonijiet, jekk ikunu saru, lilu taħt is-subartikolu (1), jirriżulta lid-Direttur li seħħ ksur ta' disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul taħtu, hu/hija għandu/għandha joħroġ/toħroġ deċiżjoni fejn isib/issib ksur u jagħti/tagħti r-raġunijiet tiegħu/tagħha:

Iżda, minflok deċiżjoni fejn jsib ksur, id-Direttur jista'/tista' jitlob/titlob garanzija mingħand kummerċjant/a skond l-artikolu 12.

(3) Kopja tad-deċiżjoni maħruġa taħt is-subartikolu (2) ser tiġi notifikata lill-persuna li kontra tagħha ttieħdet id-deċiżjoni.

[18] **106A**. (1) Id-Direttur jista'/tista' jimponi/timponi multa amministrattiva fuq persuna li, id-Direttur wara investigazzjoni taħt l-artikolu 14A, jsib/issib ħatja ta' ksur ta' disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolament magħmul taħtu. [...]

of guilt; and the classification of similar matters in the law of other Council of Europe Member States. The consequence of a criminal record upon conviction is significant but it is not decisive because this is dependent upon the classification of the offence in domestic law. The relative lack of seriousness of a sanction 'cannot deprive an offence of its inherently criminal character' [*Lauko v. Slovakia*, 2 September 1998, §58].

The third *Engel* criterion is the maximum penalty to which the individual is exposed. The actual penalty imposed is also of relevance, but it does not diminish the importance of what was initially at stake. [...] When the second *Engel* criterion is clearly present, the relatively low amount of an administrative fine does not suffice to exclude the matter from the scope of article 6 (1)."[19]

Din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni **Federation of Estate Agents vs. DG (Kompetizzjoni) et** suċċitata irrimarkat li:

"Applikati dawn il-prinċipji għall-offiża taħt Kap. 379, din il-qorti tagħraf illi l-waqt li l-liġi Maltija (Kap. 379) tikklassifika din l-offiża bħala wahda ta' natura amministrattiva, in-natura tar-reat u n-natura u severità tal-piena tagħti bixra totalment diversa lill-offiża, b'mod li ma tistax ma titqiesx bħala waħda ta' natura kriminali. In fatti dan joħroġ ċar meta wieħed jeżamina l-aspettattivi tal-piena mgħotija għall-offiżi taħt il-Kap. 379 fid-dawl ta' paragrafu 47 tal-każ Bendenoun *v.* France:
i) illi l-Kap. 379 japplika liċ-ċittadini kollha u mhux lil xi grupp speċifiku;
ii) il-multa m'hijiex intiża għal kumpens pekunarju għal dannu soffert, iżda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent;
iii) il-multa kienet imposta b'regola ġenerali bi skop punittiv u li jservi ta' deterrent;
iv) illi l-multa kienet waħda ta' entità konsiderevoli.
Meħuda in konsiderazzjoni dawn l-aspettattivi, din il-qorti ma tistax ma takkoljix l-insenjament tal-ECHR meta kkonkludiet fil-każ ta' Bendenoun *v.* France:
"Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively they made the 'charge' in issue a 'criminal' one within the meaning of article 6 § 1 ...," *ibid.* para. 47.

[19] Paġni 277-278 tal-imsemmi ktieb.

Il-**Qorti Kostituzzjonali** r-reaffermat din il-konsiderazzjoni u qieset li:

> 28. [...] l-liġi maltija tal-kompetizzjoni tħares interessi ġenerali tas-soċjetà li huwa wkoll il-għan tal-liġi penali, u f'dan tixbah id-disposizzjonijiet taħt it-Titolu VI tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali: *Fuq id-Delitti kontra l-Kummerċ Pubbliku*; tqis illi l-liġi tal-kompetizzjoni għandha l-ħsieb ukoll li sservi ta' deterrent, bħal-liġi penali; tqis illi l-multa[20] li tista' tingħata mid-Direttur hija x'aktarx ħarxa u hija maħsuba bħala piena u mhux bħala risarċiment ta' danni ċivili; u tqis illi huwa relevanti wkoll il-fatt illi, qabel l-emendi li saru fil-Kap. 379 bis-saħħa tal-Att VI tal-2011, l-"akkordji u prattiki projbiti" taħt l-art. 5 bħal dawk li dwarhom hija mixlija l-Federazzjoni fil-każ tallum kienu meqjusa "reati" taħt l-art. 16 tal-istess Kap. 379, b'mod għalhekk illi, għalkemm wara l-Att VI tal-2011 dawk l-"akkordji u prattiki projbiti" ma baqgħux jitqiesu "reati", is-sustanza tagħhom baqgħet l-istess. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-qorti biex taqbel mal-ewwel qorti illi l-proċeduri taħt il-liġi tal-kompetizzjoni għandhom min-natura ta' proċeduri dwar akkuża kriminali u għalhekk għandhom ikunu mħarsa bil-garanziji li l-art. 39 jrid għal proċeduri dwar akkużi kriminali.

Fil-kawża **Rosette Thake et vs. Kummissjoni Elettorali et** (Rik Nru 25/17), din il-Qorti diversament preseduta fis-26 t'April 2018, wara li kwotat b'mod estensiv kemm mill-ġurisprudenza lokali u dik tal-Qorti Ewropeja ikkonkludiet li

> **Fil-kaz tal-lum, il-vertenza hija relatata mal-isfera politika u ghalhekk taqa` fost il-kazi li mhux meqjusa li jirrelataw mad-determinazzjoni ta` drittijiet jew obbligi civili.**
>
> **Mhux l-istess jista` jinghad dwar jekk il-kwistjoni tinkwadrax fl-ambitu ta` akkuza kriminali.**
>
> Il-Qorti tqis li l-ligi kienet mahsuba sabiex isservi ta` deterrent. Tant hu hekk li ghal xi sitwazzjonijiet kontemplati mil-ligi stess, il-multa hija qawwija u ntiza li tkun piena[21].
>
> Din il-Qorti hija konxja tal-fatt li fil-ligi l-multi huma deskritti bhala amministrattivi.

[20] F'dak il-każ il-piena kienet ta' €1,250,000 (10% tat-*turnover* tas-sena ta' qabel tal-intrapriża konċernata).
[21] F'dak il-każ il-piena massima kienet ta' €50,000.

Hija konxja wkoll illi waqt id-dibattitu dwar l-abbozz (li wara sar ligi) fil-Kamra tad-Deputati, inghad li l-multi komminati huma amministrattivi.

[...]

Issa l-fatt illi l-multi mahsuba fil-ligi kienu deskritti bhala multi amministrattivi ma jxejjen xejn minn mohh din il-Qorti li dawk il-multi kienu fil-fatt ta` natura penali, tenut kont tas-severita` taghhom.

**Din il-Qorti taghraf illi ghalkemm il-Kap 544 jikklassifika l-offiza bhala ta` natura amministrattiva, fir-realta` n-natura tal-offiza, kif ukoll is-severità tal-piena, jaghtu lill-offiza xejra ghal kollox diversa mill-klassifikazzjoni ndikata fil-ligi, b`mod li l-offiza ghandha titqies ta` natura kriminali.**

Din il-Qorti lanqas ma hija tal-fehma li l-fatt li l-imposizzjoni ta` dawn il-multi ma jidhrux fuq il-kondotta jew il-fedina penali, kif ukoll li ma tistax tigi nflitta sentenza ta` prigunerija jew li l-multa ma tistax tigi konvertita fi zmien ta` prigunerija, allura dak ifisser li l-multi mhumiex ta` natura penali.

Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata, jirrizulta li fil-fatt il-multa ghandha xejra penali.

Tajjeb jinghad ukoll illi l-ligi hija ta` interess pubbliku.

**Il-Qorti Kostituzzjonali** fis-sentenza tagħha tat-8 t'Ottubru 2018 qablet

[...] mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti li l-massimu tal-multa amministrattiva li tista' timponi l-Kummissjoni huwa wiehed ingenti u huwa intiz sabiex iservi ta' piena ghal min jikser l-obbligi tieghu taht l-Att u huwa wkoll ta' deterrent billi ghandu l-ghan li jipprevjeni agir vjolattiv tal-Att. Ghalhekk il-multa fil- livell massimu taghha kontemplata fil-ligi ma tistax titqies bhala rizarciment tad-danni jew bhala multa purament amminstrativa. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-kazistika, lokali u ewropea, citata *in extenso* mill-ewwel Qorti, u tosserva li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva ghandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tinghata fil-ligi domestika, izda tiddependi wkoll minn natura u mis-severita` tal-multa.

[...]

> 64. Fil-kaz odjern il-multa m'hijex intiza li tirrapprezenta kumpens pekunjarju ghal dannu soffert, izda hija essenzjalment piena li tikkosstitwixxi deterrent, imposta bi skop punittiv u li isservi ta' deterrent. Ghaldaqstant ladarba l-multa amministrattiva ghandha n-natura penali titqies li tirrizulta minn akkuza kriminali, b'mod li allura jiskatta d-dritt kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni [...]

Fil-kawża **Angelo Zahra vs. L-Onor Prim Ministru** (Rik Nru 33/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju 2015, ġie konkluż li

> **25.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li hemm certu kazijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severita` taghha titqies derivanti minn akkuza kriminali ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u] tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.
>
> **26.** Fil-kaz odjern huwa minnu li, filwaqt li l-piena imposta mill-Qorti hija wahda definittiva, dik amministrattiva m'hijiex definittiva u dan peress li, ai termini tal-Artikolu 23 [8] tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Kap. 372, din tista' tigi irtirata parzjalment jew fl-intier taghha mill-Kummissarju. Huwa wkoll minnu li, skont il-proviso tas-subinciz 7 tal-istess att, dik it-taxxa tista' wkoll tigi kontestata quddiem qorti fiz-zmien hmistax-il jum min-notifika tal-avviz. Huwa minnu wkoll li skont ir-regolament nu[mr]u 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 intestata "Regoli Dwar Final Settlement System [FSS]", il-pagatur li jhossu aggravat bid-decizjoni jista' ai termini tas-subinciz 3 jipprezenta ittra ta' kontestazzjoni lill-Kummissarju fi zmien ghaxart ijiem min-notifika, u skont is-subinciz [5], dan jista' jahfer it-taxxa addizzjonali, parzjalment jew fl-intier taghha, jekk ikun sodisfatt li n-nuqqas tal-pagatur ma jkunx dovut ghal xi htija jew negligenza tieghu.
>
> **27.** Izda mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-multi mitluba mid-Direttur minghand ir-rikorrent potenzjalment ilahhqu eluf kbar ta' euro u ghalhekk huma sostanzjali.
>
> [...]
>
> **29.** Fid-dawl tal-premess, fil-kaz odjern jirrizulta li, fiz-zmien meta ttiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent konkluzi bis-sejbien ta' htija tar-reati li bihom kien gie akkuzat u konsegwentement ikkundannat piena, kienu gia` gew imposti fuqu multi

"amministrattivi" ta' entita` tant severa li ghandhom jitqiesu sanzjoni ta' natura penali.

Filwaqt li din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Anthony P. Farrugia vs. L-Onor Prim Ministru et** (Rik Nru 8/11JRM) waslet għal konklużjoni li l-piena mogħtija ma kinitx tammonta għal waħda ta' natura kriminali, **il-Qorti Kostituzzjonali** fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Mejju 2017 dawret dik il-konklużjoni:

> Rigward l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-multi maghrufa bhala *short payment penalties* ma jistghux jitqiesu bhala "piena jew kastig kriminali" imma huma biss mizuri ta' deterrent ga ladarba huma jistghu jithassru ghal kollox jew jinhafru jekk it-taxpayer jottempera ruhu mal-ligi, din il-Qorti tosserva li dan ma jipprivahomx mill-karattru punittiv taghhom. Wara kollox anke l-multi imposti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] jistghu jinhafru, mhux biss mill-President ta' Malta izda anke mill-istess Qorti tal-Magistrati skont it-termini tal-Artikolu 76 tal-Kap 406.

L-aktar sentenza riċenti f'dan ir-rigward, u li għaliha sar aċċenn mill-intimati, hija **Hector Carter vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud et** (Rik Nru 52/2015 JPG) deċiża minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Novembru 2018 u hija *res judicata*, fejn il-Qorti marret ir-rotta opposta mis-sentenzi fuq ċitati u kunsidrat li:

> Il-Qorti taghraf illi l-hsieb gurisprudenzjali huwa fis-sens illi l-ligi li tirregola l-eko-kontribuzzjoni m'hijiex ligi fiskali. Il-Qorti, tqis pero' illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg rigward l-applikabbilita tal-Artikolu 6 fir-rigward ta' ligijiet fiskali, tista' titfa dawl fuq il-kwistjoni in dizamina, u cioe, jekk il-penali mposti fuq ir-rikorrenti, kienux ta' natura kriminali.
>
> **Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car illi l-penali amministrattivi m'humiex ta' natura penali**. Illi l-ewwel nett, b'referenza ghall-ewwel kriterju stabbilit f'**Bendenoun**, il-Qorti tirrileva illi l-eko-kontribuzzjoni m'hijiex dovuta a bazi ta' ligi fiskali applikabbli lic-cittadini b'mod generali, izda hija dovuta biss fir-rigward ta' certu prodotti bil-ghan illi jigi mminimizzat l-iskart, jew alternattivament, li sservi bhala kontribuzzjoni li tkun tista' tintuza ghall-ispejjez relatati mar-rimi jew riciklagg tal-istess prodott. Filfatt, l-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni jistabilixxi skema ta' kreditu ghall-eko-kontribuzzjoni mhallsa fuq prodotti li fir-rigward taghhom isir irkupru.

Inoltre, l-penali amministrattivi provduti fir-Regolamenti imsemmija, ma jistghux jitqiesu bhala penali sostanzjali. A kuntrarju, dawn il-penali huma proporzjonali, u r-Regolamenti stess jipprovdu ghall-possibilita illi l-penali jitnaqqsu b'mod sostanzjali jekk l-individwu jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. Relevanti wkoll huwa l-fatt illi jekk il-Kummissarju jaghzel li jistitwixxi proceduri kriminali, **l-multa li tista' tigi mposta hija hafna aktar severa**, u cioe somma li hija **tlett darbiet** tal-ammont ta eko-kontribuzzjoni li kellha tithallas, jew multa ta' mhux izjed minn **€23,290**, skont liema ammont ikun aktar gholi. Fil-kaz tar-rikorrent ghalhekk, li kieku l-Kummissarju ghazel illi jistitwixxi proceduri kriminali, il-multa kien jehel ir-rikorrent kienet tkun tizboqq in-nofs miljun ewro, filwaqt illi peress illi l-penali li gew imposti fuq ir-rikorrenti kien dawk amministrattiva, huwa wehel ammont li huwa ftit inqas minn €17,000, liema ammont seta' terga jonqos bin-nofs li kieku r-rikorrenti ghazel minn jeddu li jikkoregi l-istima li kellha tigi prezentata.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis ukoll illi m'hijiex konvinta li dawn il-penali amministrattivi huma ntizi bhala kastig. Indubbjament ghandhom karattru deterrent, pero dan wahdu ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-multi huma ta' natura penali, ghaliex fil-verita, kull tip ta' konsegwenza negattiva ghall-agir determinat tirraprezenta minnha nnifsha deterrent kontra dak l-agir. Hekk per ezempju, il-possibilita illi wiehed jigi kkundannat ihallas kumpens civili ghal danni kkawzati bi htija tieghu tista' titqies bhala deterrent milli jigu kkawzati danni, izda dan ma jfissirx illi s-sistema legali li tirregola d-danni delittwali jew kwazi-delittwali hija ta' natura kriminali u li d-danni likwidati mill-Qorti huma penali ta' natura kriminali. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, il-fatt wahdu li l-penali amministrattivi jistghu jkunu intizi wkoll bhala deterrent ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-penali amministrattivi li gew imposti fuq ir-rikorrenti huma ta' natura penali kif qed jikkontendi r-rikorrenti.

Ikkunsidrat;

Hekk elenkata l-ġurisprudenza fuq l-elementi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni  sabiex jiġi deċiż jekk il-multa mertu tal-kawża odjerna hiex waħda sempliċement amministrattiva jew in kella għandiex il-karattru ta' piena dwar reat kriminali u allura taqa' fl-isfera ta' reati li dwarhom jipprovdi l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni, jeħtieġ li dawn il-kriterji jiġu applikati għal każ in eżami.

Ġa magħdud li l-klassifikazzjoni mogħtija mil-liġi hi li l-multa hija waħda "amministrattiva" u għalhekk hu meħtieġ li l-Qorti tqis iż-żewġ kriterji rimanenti u ċioe in-natura tar-reat u l-piena.

Għalkemm l-għan tal-Kapitolu 378 huwa li jiġi evitat abbuż min-naħa tas-*service provider* jew kummerċjanti oħra, l-għan tal-leġislatur ma waqafx hemm. Lgħan tal-leġislatur huwa li jipproteġi l-interessi tal-pubbliku in ġenerali bħal ma huwa l-Kodiċi Kriminali. Dan tikkonfermah id-Direttur Ġenerali stess fl-affidavit tagħha meta xhedet li "qegħda tagħmel dmirha sabiex tiġi assigurata l-osservanza tal-liġi li tamministra għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-konsumatur"[22].L-azzjoni li hija ħadet fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti ħaditha fil-kwalita' tagħha ta' persuna li għandha s-setgħa li tinvestiga u li dak iż-żmien tal-każ odjern kellha s-setgħa wkoll li tinforza billi fost oħrajn tagħti u tamministra multi.

Il-multa ġiet imposta mid-Direttur Ġenerali fuq is-soċjetà rikorrenti wara li din tal-aħħar naqset milli tagħmel tibdil fil-kundizzjonijiet tas-sit elettroniku li hija tamministra. Dan jingħad fid-dawl ta' dak li jinstab fid-deċiżjoni tad-Direttur konvenut tat-18 ta' Mejju 2018:

*"The Director General has concluded that the seriousness of the breach of the provisions relative to the right of withdrawal is not only effecting Maltese consumers but also consumers on a European Union wide basis. The Director General underlines that the Trader has ignored the legal provisions relative to the right of withdrawal and has not offered any form of remedial action to stop the infringement"*[23]

Wara li ġie hekk deċiż, id-Direttur Ġenerali għaddiet biex imponiet multa ta' tletin elf (€30,000). Kif diġa ġie konstatat, il-massimu li kien permess bil-liġi li jiġi impost mid-Direttur kien ta' sebgħa u erbgħin elf (€47,000). Fil-fehma tal-Qorti din il-multa ma kinitx intiża għall-kumpens pekunarju għal danni sofferti iżda hija piena li tikkostitwixxi kastig bi skop punittiv li jwassal għal deterrent fuq is-soċjetà rikorrenti.

L-intimati jargumentaw li l-każ odjern għandu jixxebbah aktar mal-każ fl-ismijiet **Hector Carter vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud et** u dan għaliex il-multa imposta fil-każ odjern hija waħda viċin il-multa imposta f'dak il-każ. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni, ibda biex jingħad li dak li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-piena massima li inizjalment tista' tingħata u mhux il-piena attwalment mogħtija. Fit-tieni lok, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-piena imposta fil-każ odjern kienet waħda

[22] Paġna 36 tal-proċess.
[23] Paġna 129 tal-proċess.

konsiderevoli li tqarreb aktar lejn il-livell massimu ta’ piena li setgħet tingħata.

Għaldaqstant, meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet flimkien, jirriżulta għal din il-Qorti illi nonostante li l-liġi kienet tikklassifika l-multi bħala pieni amministrattivi, in-natura u s-severità tal-piena jammontaw jikwalifikaw lill-piena u allura anke l-aġir punit bħala ta' natura penali bil-konsegwenza loi jiskattaw is-salvagwardji kontemplati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

- *Qorti taħt l-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni***

L-**Artikolu 39 (1)** jipprovdi hekk:

> “Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.”

L-**Artikolu 47** tal-Kostituzzjoni jagħti t-tifsira ta’ qorti – u cioè li “kull qorti f’Malta li ma tkunx imwaqqfa’ bi jew skond liġi dixxiplinarja”. L-Artikoli 95 u 99 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxu l-Qrati Superjuri u dawk Inferjuri rispettivament u dan ad esklusjoni ta’ kwalunkwe forma ta’ tribunal ieħor. L-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jagħti t-tifsira ta’ qorti, u cioè li “kull qorti f’Malta li ma tkunx imwaqqfa’ bi jew skond liġi dixxiplinarja”.

Dan huwa reaffermat mill-ġurisprudenza kostanti tagħna fosthom fil-kawża **Thomas Montalto vs. Il-Maġġur Stanley Clews et** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta’ Mejju 1987:

> Meta l-Kostituzzjoni ssemmi l-ġuddizzjarju taħt il-Kapitolu VIII mill-art. 95 ‘il quddiem issemmi biss il-Qrati Superjuri[24] ppresjeduti minn Imħallfin u l-Qrati Inferjuri[25] ppresjeduti minn Maġistrati. La jissemmew tribunali u lanqas presidenti jew *chairmen* ta’ tribunali;
>
> Il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha *in re*: Il-Pulizija vs. Emanuel Vella deċiża fit-28 ta’ Ġunju 1983 daħlet fil-kwistjoni ta’ x’inhu is-sinifikat veru tal-kelma “qorti” u rriteniet: “... li skond il-Kostituzzjoni t-termini “qorti” u “tribunal” jew “awtorità” oħra ġudikanti m’humiex ekwipollenti u ma jintużawx

---

[24] (a) Il-Qorti Ċivili; (b) Il-Qorti tal-Appell; u (ċ) Il-Qorti Kostituzzjonali.

[25] (a) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), għall-Gżira ta’ Malta; (b) il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għall-Gżejjer ta’ Għawdex u Kemmuna.

> indiskriminatament wieħed għall-ieħor. Meta trid tfisser "tribunal" jew "awtorità" oħra ġudikanti, il-Kostituzzjoni tgħidu u għalhekk meta tuża t-terminu "qorti" waħdu ma nistgħux nestendu s-sinifikat ta' din il-kelma anke għal dak li mhux qiegħed jiġi inkluż u li meta riedet tinkludih il-Kostituzzjoni inkludiet".

**Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 12** jipprovdu elenku ta' x'jikkostitwixxi Qorti Superjuri u Qorti Inferjuri rispettivament u jipprovdi proprju s-segwenti:

**3.** Il-qrati superjuri huma:
(a) Il-Qorti Ċivili;
(b) Il-Qorti tal-Appell; u
(ċ) Il-Qorti Kostituzzjonali.

**4.** Il-qrati inferjuri huma:
(a) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), għall-Gżira ta' Malta;
(b) il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna.

Għaldaqstant meta l-Kostituzzjoni fl-Artikolu 39 (1) qiegħda tirreferi għal qorti dan għandu jinftiehem biss fis-sens ta' Qorti Superjuri preseduti minn Imħallfin jew Qorti Inferjuri preseduti minn Maġistrati, u ħadd aktar. Meta l-Kostituzzjoni riedet li jiġu inklużi wkoll Tribunali, Bordijiet, Kummissjonijiet u oħrajn, il-leġislatur ħaseb għaliha meta jirreferi għalihom bħala 'awtorità oħra ġudikanti'.

*A contrario* ta' dak li qegħdin jsostnu l-intimati, il-kwistjoni ma hijiex jekk id-Direttur Ġenerali jew it-Tribunal humiex imparzjali u indipendenti, iżda jekk id-Direttur Ġenerali jaqax fil-parametri tat-terminu "qorti" skont kif qiegħda tispjega l-Kostituzzjoni. Nonostante li d-Direttur Ġenerali (Affarijiet Konsumatur) hija indipendenti u imparzjali, u għalkemm skont kif tgħid Josephine Borg fl-affidavit tagħha li mxiet mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, dan kollu huwa rrelevanti għaliex mingħajr ombra ta' dubju jidher li hija ma taqax fil-kategorija ta' "qorti" kif stipulat fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

It-Tribunal ukoll ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "qorti" skont il-Kostituzzjoni u dan nonostante li huwa presedut minn Imħallef u assistiet minn żewġ membri ordinarji magħżulin minnu minn lista ta' membri. Tal-istess fehma kienet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Federation of Estate Agents vs. DG (Kompetizzjoni) et** suċċitata:

> 35. It-Tribunal tal-Appell, għalkemm jista' jitqies "awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi" għall-għanijiet tal-art. 39(2) tal-

Kostituzzjoni għal deċiżjonijiet dwar drittijiet u obbligi ċivili, ma jistax jitqies "qorti" għall-għanijiet tal-art. 39(1) għal deċiżjoni dwar akkuża kriminali. Ladarba, kif rajna, il-proċeduri taħt il-liġi tal-kompetizzjoni li dwarhom saret din il-kawża tallum għandhom min-natura ta' akkuża kriminali, jintlaqtu bl-art. 39(1) u għalhekk iridu jitmexxew quddiem qorti.[26]

36. Tifdal il-kwistjoni jekk dan in-nuqqas jistax jiġi sanat bid-dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell mogħti taħt l-art. 13A(5) tal-Kap. 379. Il-Federazzjoni targumenta illi l-proċess kollu dwar akkuża kriminali għandu jsir quddiem qorti u illi f'ebda grad ma tista' tingħata sentenza, jew anke jsir smigħ, dwar akkuża kriminali minn organu li ma jkunx qorti. Dan huwa minnu. F'kull każ, iżda, ukoll jekk jitqies biżżejjed li xi gradi tal-proċess jitmexxa quddiem qorti, jibqa' l-fatt illi appell quddiem il-Qorti tal-Appell jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, u għalhekk jiġri illi sentenza fuq akkuża kriminali tiġi maqtugħa fuq konsiderazzjonijiet ta' fatt li d-deċiżjoni dwarhom ma tkunx ittieħdet minn qorti u ma tkunx soġġetta għal reviżjoni minn qorti.

Il-fatt biss li hemm il-possibilità ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell ma jissanax dak li ma jissodisfax l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 39 (1) ma jħalli l-ebda ombra ta' dubju li l-proċedura għal smigħ ta' reat kriminali għandha tinstema mill-bidu u f'kull stadju minn qorti u minn ebda tribunal ieħor. Huwa għalhekk li din il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi li s-soċjetà rikorrenti ma ingħatax smigħ xieraq kif mistħoqq taħt l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni.

- ***Rimedju u Kumpens***

Tenut kont illi l-Qorti qed issib illi l-proċeduri istitwiti kontra s-soċjeta' rikorrenti mertu ta' din il-kawża taħt il-Kap. 378 u l-Avvi Legali 439 tal-2013 jilledu d-drittijiet fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti qed tiddikjara l-proċeduri kollha meħudin mid-Diretttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) u l-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur kontra s-soċjeta' rikorrenti mertu tal-kawża odjerna bħala nulli u bla effett u għalhekk tħassarhom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Jibqa' għalhekk jiġi deċiż jekk is-soċjeta' rikorrenti tiġix ukoll akkordata danni morali kif qed titlob.

Illi fir-rigward tal-kumpens għal-leżjoni tad-dritt fundamentali l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri vs. Avukat**

[26] Enfasi tal-Qorti.

**Generali** (Rik. Kost. Nru 71/2010) deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 t'April 2015:

> Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni], jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ [K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha [Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et]***. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*" [Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***].

Din il-Qorti tagħraf ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Avukat Generali** (Rik Nru 21/2002) deċiża fit-8 ta' Mejju 2003, reaffermat illi meta jiġi leż dritt fundamentali ta' persuna, anki waħda ġuridika, jistgħu jingħataw u jiġu akkordati danni morali. Dan huwa wkoll reaffermat fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Comingersoll SA v. il-Portugal** deċiża 6 t'April 2000.

Fil-każ odjern il-Qorti tqis illi sew is-sejbien ta' ksur tad-dritt fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti kif ukoll it-tħassir tal-proċeduri meħudin kontra tagħha jissodisfaw ir-rekwiżit ta' rimedju effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' dritt fondamentali protett mill-Kostituzzjoni u għalhekk qed tiċħad it-talba tas-soċjeta' rikororenti għall-ħlas ta' danni morali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi prevja li tilqa' l-għaxar eċċezzjoni tal-intimati u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet għar-raġunijiet fuq mogħtija,

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara illi l-artikoli 14A, 106A, 110B u 110C tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta), u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (Avviż Legali 439 tal-2013), kif viġenti qabel il-promulgazzjoni tal-Att XVI tal-2019, in kwantu kienu jawtorizzaw lid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konumatur) u lit-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur li jisimgħu u jiddeċiedu każijiet ta' allegat ksur tal-istess Att u tal-istess regolamenti u jagħtu ordnijiet u jimponu multi f'każ li jsibu ksur, huma inkonsistenti u jiksru d-dispost tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara l-istess artikoli tal-liġi u regolament kif vigenti qabel il-promulgazzjoni tal-Att XVI tal-2019, bħala nulli u bla effett għall-finijiet kollha tal-liġi;

3. Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet, tiddikjara illi l-proċeduri legali istitwiti kontra s-soċjeta' rikorrenti da parti tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) bis-saħħa tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta) u bis-saħħa tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (Avviż Legali 439 tal-2013), inkluż id-deċiżjoni datata 18 ta' Mejju 2018, illi ġiet notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fl-24 ta' Mejju 2018, u l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju 2018 maħruġa mill-istess Direttur fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 14A u 106A tal-istess Att u r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur qabel il-promulgazzjoni tal-Att XVI tal-2019 illedew id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti protetti bis-saħħa tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk huma nulli u bla effett u għalhekk qed jiġu mħassra;

6. Tiċħad is-sitt talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**